KLR 43/VI/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2013 fis-18.00.

PREŻENTI: Il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Mi0chael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma.

SKUŻAT: Is-Sindku Dr.Samuel Azzopardi kien skużat għall-ewwel parti tal-laqgħa.

Il-Viċi Sindku ppresieda l-ewwel parti tal-laqgħa.

**1.** Intaqalet talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat (KLR 41 u KLR42).

**2. Proġett – *ERDF 249 – Setting of an Integral, Archaelogical and Historical Trail in Victoria***

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li l-offerta tas-sistemi tad-dawl ta' dan il-proġett għalqet fit-28 ta' Jannar 2013. Inħarġet l-offerta tal-*Project Administrator* li tgħalaq fit-18 ta' Frar 2013 u dalwaqt ħierġa l-offerta tat-*Techinical Consultant.*

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Kunsill ingħata s-somma ta' €25,000 li tkopri nofs il-ko-finanzjament li l-Gvern Ċentrali se jgħaddi lill-Kunsill rigward dan il-proġett.

**3. Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti**

Ġew approvati l-kontijiet imniżżla f'dokument A.

Is-Sindku daħal fil-kamra u ppresieda l-laqgħa.

**4. *Magazine* tal-Kunsill**

Il-membri qablu li jiġi stamapat *magazine* li juri x-xogħol li twettaq minn dan il-Kunsill. Kif kien sar qbil preċedentement, Francesco Pio Attard u Joseph Masini se jitqabdu dabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Dan dejjem b'koperazzjoni mal-i*staff* tal-Kunsill.

## 5. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

5.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li:-
5.1.1 l-allokazzjoni finanzjarja għal Jannar – April 2013 se tkun ta' €165,289. L-allokazzjoni għalissa qed tingħata għall-ewwel erba' xhur minħabba l-elezzjoni ġenerali li ser issir fit-8 ta' Marzu 2013;

5.1.2 dwar Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali, il-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €15,000 għall-applikazzjoni: *Skate boarding* u *BMX track* fil-Victoria *Playing Field*;

5.1.3 dwar Memo 122/2011 – Skema ta' Finanzjamnet għar-Restawr ta'Postijiet Storiċi Żgħar, il-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €11,500. Dan biex jiġu restawrati seba' niċċeċ oħra;

5.1.4 dwar Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi tal-attivitajiet 2012/2013, il-Kunsill ma bbenefikax għat-tieni applikazzjoni tiegħu fuq il-*Christmas Village*. Ta'min jinnota li fuq l-ewwel applikazzjoni li tirrigwardja l-attivita' tal-aħħar tas-sena, il-Kunsill ibbenefika minn €7,000 taħt din l-istess skema.

5.2 it-Transport Malta (TM) fejn il-Kunsill ġei mgħarraf li:-
5.2.1 inħarreġ il-permess għal *un/loading bay* quddiem 'Mothercare' fi Triq Fortunato Mizzi;
5.2.2 inħareġ il-permess għall-parkeġġ tal-muturi f'taċ-Ċawla *Housing Estate*;
5.2.3 inħareġ il-permess sabiex isir *railing* għall-*pedestrians* qrib il-*pedestrian crossing* fi Triq Gedrin;
5.2.4 ma nħariġx il-permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 98, Triq l-Arċisqof Pietru Paċe minħabba li l-applikant mhuwiex is-sewwieq.

5.3 'Solidbase' fejn intbgħat iċ-ċertifikat oriġinali li jirrigwardja r-riżultat tat-testijiet fuq il-materjal li se jintuża fil-*playing field* ta' taħt Putrijal;

5.4 il-Perit Edward Scerri li bagħat rapport fuq il-ħajt li waqa' wara li sar tħammil minn terzi sabiex isir bini privat, f'parti minn Triq Ġorġ Borġ Olivier. Dan ir-rapport intbgħat lid-Direttur Porġetti u Żvilupp fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex;

5.5 Michael Attard, resident fi Triq Sir Arturo Mercieca li ressaq ilment rigward parkeġġ illegali li qed isir f'din it-triq speċjalment minn meta nfetħet il-Koporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) f'din l-istess triq. Il-membri qablu li dan għandu jiġi rappurtat lill-gwardjani lokali;

5.6 it-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn intbagħat il-programm tal-Karnival ta' din is-sena;

5.7 Rosabelle Pavia li bagħatet is-CV tagħha;

5.8 il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal hemm żewġ siġar tal-palm li huma nfettati bil-bumunqar aħmar. Il-membri qablu li jitqabbdu l-ELC sabiex dawn il-palm jitneħħew u jsir it-trattament kif suppost.

**6. Materji oħra**

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

6.1 minn naħħa tat-Taqsima tal-*Waste Water*, il-Kunsill ġie mgħarraf li fi Triq San Ġorġ daqt jinbeda x-xogħol fit-tibdil tas-servizzi. Wara, il-Kunsill ikun jista' jkompli bix-xogħol ta' kisi mill-ġdid bil-porfido eżistenti. L-offerta ta' dan ix-xogħol ingħata diġa' lill-Joseph Mercieca;

6.2 ix-xogħol fuq il-ħsara li saret wara li ġie vandalizżat San Ġorġ tal-Ħaġar, inbeda u daqt ikun lest. Inġibdet l-attenzjoni li fuq il-pedestall tiegħu hemm kanna tal-ilma tax-xita u dan qed jikkawża l-ħsara. Il-membri qablu li qabel titpoġġa l-istatwa għandu jingħata l-qatran fuq il-pedestall u l-kanna titwassal sal-art. Din tal-aħħar bil-kunsens ta' sid id-dar.

6.3 ix-xogħol fl-uffiċċju tal-*customer care* fi-sular t'isfel tal-Banca miexi u l-uffiċċju jkun jista' jibda jiffunzjona fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-membri qablu li:

6.4 jsiru l-*Billboards* li juru ż-żewġ proġetti, tal-*playing field* u taċ-ċentru storiku;

6.5 f' *The Sunday Times* u fil-ġurnal *The Maltese Helrald* isiru kompettizzonijiet li fihom issir mistoqsija fuq ir-Rabat u l-premju jkun il-ktieb '*Victoria, A Portrait of a City*';

6.6 jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex inadfu l-ħaxix ħażin madwar *showroom* abbandunata li tinsab fi Triq Viani;

6.7 titranġa l-parti tal-bankina li qed iżżomm l-ilma tax-xita quddiem l-entraturi ta' blokk EA u EB;

6.8 titranġa parti mit-triq li hi miksura fil-kantuniera ta' Triq Ġuże' Ellul Mercer u Triq Aniċi;

6.9 ssir l-għatba quddiem il-ħanut Mr.Clean fi Pjazza San Ġorġ;

6.10 jintalab sabiex issir bozza ġdida fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia kantuniera ma Triq Palma. Dan minħabba l-fatt li l-bozza *central hanging* li kien hemm tneħħiet u minflokha saret

waħda li tgħati biss fuq Triq Palma bil-konsegwenza li fl-ewwel parti ta’ Triq Mons. Ġużeppi Farruġia hemm id-dlam;

6.11 il-*litter bin* li hemm quddiem l-iskola primarja ta’ Triq Vajrinġa jitressaq mal-ħjat, biswit il-kaxxa tal-Maltapost plc. Dan wara lmenti minn ġenituri li qallu li l-*litter bin* qiegħed qrib l-entratura tat-tfal tal-*kinder*.

6.12 Tqajjem punt rigward il-kisi tal-isqaqien tat-toroq Sant’ Indrija u Aġius De Soldanis. Din il-materja għanda terġa tiġi dikussa fil-futur qarib.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 19 ta’ Frar 2013 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |